# Fatti U Ċifri: Ir-Rapport EMTER



# Fatti U Ċifri: Ir-Rapport EMTER



Cover design: EEA
Cover photo: © Getty Images (Royalty free)
Layout: EEA

**Legal notice**
Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas kwalunkwe persuna jew kumpanija li taġixxi f'isem l-Aġenzija ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

**Avviż legali**
© European Environment Agency, 2021
© European Maritime Safety Agency, 2021
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jiġi rikonoxxut is-sors.

European Maritime Safety Agency
Praça de Europa 4, Cais do Sodré
1249-206 Lisboa
Portugal

Tel.: +351 21 1209 200
Internet: emsa.europa.eu
Enquiries: emsa.europa.eu/contact

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Internet: eea.europa.eu
Enquiries: eea.europa.eu/enquiries

# Fil-qosor:

- Fl-2018, l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport marittimu kienu jammontaw għal 13.5% tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mit-trasport tal-UE; ferm inqas mit-trasport bit-triq (71%) u kemm kemm inqas mill-avjazzjoni (14.4%). Aktar minn terz ta' dan ġie minn bastimenti tal-kontejners.

- Madwar 40% tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'distanza ta' 50 kilometru mill-baħar, u għalhekk l-emissjonijiet fl-arja mill-bastimenti huma ta' tħassib partikolari għall-komunitajiet kostali. Bħal forom oħra ta' trasport, il-vapuri jarmu sustanzi li jinkludu l-ossidi tal-kubrit (SOx), l-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u materja partikulata (PM), li tista' taffettwa s-saħħa tal-bniedem. Fl-2018, is-settur tat-trasport marittimu pproduċa 24% tal-emissjonijiet kollha ta' NOx, 24% tal-emissjonijiet kollha ta' SOx u 9% tal-emissjonijiet kollha tal-PM2.5, bħala proporzjon tal-emissjonijiet nazzjonali tal-UE mis-setturi ekonomiċi kollha.

- L-istorbju taħt l-ilma kkawżat mill-magni u l-iskrejjen tal-bastimenti jista' jikkawża telf ta' smigħ u joħloq bidliet fl-imġieba tal-annimali tal-baħar. L-istimi jissuġġerixxu li, bejn l-2014–2019, l-istorbju totali akkumulat irradjat taħt l-ilma żdied b'aktar mid-doppju fl-ilmijiet tal-UE.

- L-ispeċi mhux indiġeni jistgħu jinvadu ħabitats ġodda billi jaqbdu mal-bwieq tal-bastimenti hekk kif jiċċaqalqu minn port għal port, jew permezz tal-ilma tas-saborra tal-bastiment, li jittieħed f'port u jiġi rilaxxat fid-destinazzjoni tal-bastiment. Is-settur tat-trasport marittimu huwa responsabbli ghall-akbar proporzjon ta' introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni fl-ibħra fl-UE kollha (51 speċi b'impatt għoli; kważi 50% tat-total) mill-1949.

- Għalkemm l-ammont ta' żejt trasportat bil-baħar ilu jikber b'mod kostanti għal dawn l-aħħar 30 sena, l-ammont totali ta' tixrid aċċidentali taż-żejt qed jonqos b'mod kostanti. Matul l-2010-2019, minn 44 tixrida ta' żejt ta' daqs medju fid-dinja kollha, ħamsa biss kienu jinsabu fl-ibħra Ewropej. Minn total ta' 18-il tixrida kbira ta' żejt fid-dinja kollha, tlieta biss seħħew fl-UE.

- Kontejners mitlufa huma sors ta' skart fil-baħar. Skont il-kundizzjonijiet tal-baħar fil-mument li jkunu ntilfu, dawn jistgħu jibqgħu intatti fl-ilma, jew jirrilaxxaw parti – jew l-ammont kollu – tal-kontenut tagħhom. Il-perċentwal tal-iskart totali rilaxxat minn kontejners mitlufa fil-baħar huwa kkunsidrat baxx u negliġibbli fl-UE, b'medja ta' 268 kontejner mitluf fis-sena, minn 226 miljun kontejner trasportati bil-baħar fid-dinja kollha.

- L-UE għandha pakkett komprensiv ta' regoli li jindirizzaw l-aspetti ambjentali tat-trasport marittimu, li ħafna minnhom imorru lil hinn mill-istandards internazzjonali miftiehma. Madankollu, l-isfidi futuri għal dawk li jfasslu l-politika jinkludu żieda projettata fit-tbaħħir globali, u t-tibdil fil-klima, li jistgħu jirrendu portijiet vulnerabbli għal żieda fil-livelli tal-baħar u mogħdijiet marittimi permanenti ġodda f'żoni fejn bħalissa għadhom mhumiex miftuħa s-sena kollha.

### Il-flotta tal-UE:

Fl-2019, il-bastimenti rreġistrati taħt bnadar tal-Istati Membri tal-UE (madwar 18 000 bastiment) kienu jikkostitwixxu kważi għoxrin fil-mija tal-flotta dinjija totali f'termini ta' tunnellaġġ ta' piż mejjet (DWT), li hija miżura tal-kapaċità ta ġarr tal-merkanzija. Aktar minn 80% ta' dawn il-bastimenti huma bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa, tankers taż-żejt, u bastimenti tal-kontejners.

Il-flotta rreġistrata fl-Istati Membri tal-UE hija relattivament moderna; nofs il-bastimenti kollha rreġistrati taħt bnadar tal-Istati Membri tal-UE għandhom inqas minn 15-il sena, u għalhekk hemm aktar ċans li jilħqu standards ambjentali ogħla.

Fl-2019, kważi nofs it-traffiku marittimu (żjarat tal-vapuri) fl-UE ġie minn bastimenti involuti esklussivament f'rotot u vjaġġi domestiċi, l-aktar minħabba l-qsim frekwenti li jsir minn vapuri tal-passiġġieri u ferries roll-on/roll-off. Il-portijiet tal-UE mmaniġġjaw kważi erba' biljun tunnellata ta' prodotti, li jammontaw għal madwar nofs il-prodotti kollha innegozjati bejn l-UE-27 u l-bqija tad-dinja f'termini ta' piż.

### Standards ambjentali tal-UE u internazzjonali għat-trasport marittimu:

Mill-aħħar tad-disgħinijiet, l-UE adottat korp dejjem aktar komprensiv ta' regoli li japplika għal bastimenti li jinnegozjaw fl-ilmijiet tal-UE jew li jbaħħru lejn jew minn portijiet tal-UE. Dawn il-liġijiet, fost l-oħrajn, jindirizzaw aspetti ambjentali bħall-emissjonijiet fl-arja, bħar-Regolament dwar il-Monitoraġġ, ir-Rappurtar u l-Verifika ta' $CO_2$ jew id-Direttiva dwar il-Kubrit, u aspetti tat-tniġġis tal-ilma bħad-Direttiva dwar it-Tniġġis mill-Bastimenti u d-Direttiva dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Port. Barra minn hekk, id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar il-Ħabitats, jipproteġu l-ambjent tal-baħar, bil-għan li jinżammu standards ta' status ambjentali tajbin u li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u tniġġis ieħor fil-komunitajiet kostali u fil-portijiet.

Dawn il-liġijiet tal-UE huma koerenti mal-qafas internazzjonali, u xi wħud imorru lil hinn mill-istandards ambjentali stabbiliti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), sa' mit-twaqqif tagħha, adottat aktar minn 50 trattat internazzjonali li jirregolaw it-trasport marittimu internazzjonali, li minnhom 40% jiffokaw fuq il-protezzjoni ambjentali.

### Gassijiet serra:

L-UE pproponiet mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (GHG) fl-UE kollha sal-2030 ta' mill-inqas 55% (meta mqabbel mal-1990), li se tqiegħed lill-Unjoni fit-triq lejn in-newtralità klimatika.

Fl-2018, is-settur tat-trasport marittimu u tan-navigazzjoni interna kkontribwixxa 13.5% tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mit-trasport tal-UE; ferm inqas mit-trasport bit-triq u kemm kemm inqas mill-avjazzjoni. L-akbar tip ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra maħluq mis-settur tat-trasport marittimu kien id-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-ħruq tal-fjuwil. B'kollox, il-bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-UE u taż-ŻEE ġġeneraw 140 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ fl-2018 (madwar 18% tal-emissjonijiet kollha ta' $CO_2$ iġġenerati mit-trasport marittimu fid-dinja kollha dik is-sena).

Mit-total tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, madwar 40% jirriżultaw minn bastimenti li jivvjaġġaw bejn portijiet tal-Istati Membri tal-UE u bastimenti rmiġġati fil-portijiet. Il-kumplament ta' 60% jiġu prodotti matul vjaġġi lejn u barra mill-UE. Il-bastimenti tal-kontejners waħedhom jammontaw għal madwar terz tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-flotta fl-UE.

**L-Emissjonijiet Tal-Gassijiet Serra Mis-Setturi Kollha Tat-Trasport**




**Source:** 'EEA greenhouse gas — data viewer', European Environment Agency (https://www.eea.europa.eu/data-andmaps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer)

### Tniġġis tal-arja:

Madwar 40% tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'distanza ta' 50 kilometru mill-baħar, u għalhekk l-emissjonijiet fl-arja mill-bastimenti huma ta' tħassib partikolari għall-komunitajiet kostali. Il-bastimenti jarmu sustanzi, inklużi ossidi tal-kubrit (SOx), ossidi tan-nitroġenu (NOx) u materja partikolata (PM), li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem. Dawn l-emissjonijiet jistgħu jkunu sinifikanti f'żoni ta' traffiku marittimu qawwi.

Fl-2018, is-settur tat-trasport marittimu pproduċa 24% tal-emissjonijiet kollha ta' NOx, 24% tal-emissjonijiet kollha ta' SOx u 9% tal-emissjonijiet kollha tal-PM2.5 (emissjonijiet tal-materja partikolata b'dijametru ta' inqas minn 2.5μm), bħala proporzjon tal-emissjonijiet nazzjonali tal-UE mis-setturi ekonomiċi kollha:




**Source:** 'Air pollutant emissions data viewer (Gothenbur Protocol, LRTAP Convention) 1990-2018', European Environment Agency (https://www.eea.europa.eu/data-andmaps/dashboards/air-pollutant-emissions-data-viewer-3).

L-emissjonijiet ewlenin tal-ossidi tal-kubrit mill-bastimenti huma d-dijossidi tal-kubrit ($SO_2$). Dawn l-emissjonijiet huma ġġenerati mill-użu ta' fjuwils tal-baħar għal użu marittimu f'magni abbord bastimenti, iżda wkoll minn makkinarju ieħor ta' kombustjoni, bħal bojlers li jaħdmu biż-żejt. Fl-2019, l-emissjonijiet ta' $SO_2$ minn bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE/Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) ammontaw għal madwar 1.63 miljun tunnellata; madwar 16% tal-emissjonijiet globali tal-$SO_2$ mit-trasport internazzjonali bil-baħar.

Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $SO_2$ mill-bastimenti, il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar ilu rregolat fl-UE mill-1999, u minn dak iż-żmien tnaqqas b'mod kontinwu, u d-Direttiva tal-UE dwar il-Kubrit wasslet għal tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tal-SOx fl-ibħra Ewropej. Barra minn hekk, fl-2015, ġew introdotti żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit (SECAs) fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku, li jirrikjedu li l-vapuri jużaw fjuwils b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 0.10% m/m f'dawn iż-żoni. Is-SECAs urew li jikkontribwixxu b'mod effettiv għal tnaqqis sinifikanti fil-konċentrazzjonijiet ta' $SO_2$, li jilħaq attenwazzjoni sa 60%.

Minn Jannar 2021, ġew applikati Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet ta' NOx fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku, għalkemm tnaqqis effettiv huwa mistenni li jimmaterjalizza bil-mod, peress li r-rekwiżiti japplikaw biss għal bastimenti ġodda.

### L-istorbju taħt l-ilma:

Il-bastimenti joħolqu storbju hekk kif jgħaddu mill-ilma, mill-iskrejjen tagħhom, mill-makkinarju (inklużi l-magni tagħhom) u mill-moviment tal-bwieq tagħhom. Dan l-istorbju jista' jaffettwa l-ispeċi tal-baħar b'modi differenti; it-telf tas-smigħ, it-tnaqqis fil-komunikazzjoni, iż-żieda potenzjali fil-livelli ta' stress, u bidliet varji fl-imġieba huma biss ftit mill- effetti negattivi fuq il-ħajja tal-baħar ikkawżati mill-ħsejjes taħt l-ilma. Huma maħsub li ċ-ċetaċji (dniefel, foċeni u balieni) huma affettwati partikolarment, peress li jużaw il-ħoss biex jikkomunikaw bejniethom.

Huwa stmat li bejn l-2014 u l-2019, l-istorbju totali akkumulat irradjat taħt l-ilma aktar milli rdoppja fl-ilmijiet tal-UE. Il-bastimenti tal-kontejners, il-bastimenti tal-passiġġieri u t-tankers jiġġeneraw l-ogħla emissjonijiet ta' storbju mill-użu tal-iskrejjen.

Bħalissa, qed jiġu żviluppati limiti ta' ħsejjes taħt l-ilma għall-UE skont id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina.

### Speċi mhux indiġeni:

L-ispeċi mhux indiġeni huma patoġeni akkwatiċi li jistgħu jiġu ttrasportati minn ħabitat għal ieħor permezz ta' bastimenti jew esternament (billi jaqbdu mal-bwieq tal-bastimenti, u għaldaqstant magħrufa bħala ħmieġ tal-bwieq) jew permezz tal-ilma tas-saborra tal-bastimenti, li huwa ilma ħelu jew mielaħ miżmum f'tankijiet biex jiġu stabbilizzati l-bastimenti u tiżdied il-manuvrabbiltà. Jekk dawn l-ispeċi jadattaw għall-ambjent il-ġdid tagħhom, jistgħu joħolqu theddida għall-bijodiversità lokali, għas-saħħa tal-bniedem u jagħmlu ħsara serja lill-ekonomiji lokali.

B'mod ġenerali, mill-1949, is-settur tat-trasport marittimu kien responsabbli għall-akbar proporzjon ta' speċi mhux indiġeni introdotti fl-ibħra fl-UE kollha – kważi 50% tal-ispeċi

kollha, bl-akbar numru jinsab fil-Mediterran. 51 speċi huma kollha kklassifikati li għandhom impatt għoli, li jfisser li jistgħu jaffettwaw l-ekosistemi u l-ispeċi indiġeni.

Madankollu, ir-rata ta' introduzzjonijiet ġodda naqset mill-2005, minħabba taħlita ta' fatturi inkluż żieda fl-għarfien, il-ġabra dejjem tonqos ta' speċi mhux indiġeni potenzjali, politiki effettivi, u leġiżlazzjoni ġdida.

## Tniġġis taż-żejt:

Matul dawn l-aħħar 30 sena, l-ammont ta' żejt trasportat fuq il-baħar baqa' jikber b'mod kostanti. Madankollu, l-għadd ta' tixrid taż-żejt naqas. Bejn l-2010 u l-2019, minn 44 tixrida ta' żejt ta' daqs medju (definiti bħala tixrid ta' bejn 7-700 tunnellata ta' żejt), ħamsa biss kienu jinsabu fl-ibħra Ewropej. Matul l-istess perjodu, tliet tixridiet kbar ta' żejt biss (li jinvolvu aktar minn 700 tunnellata ta' żejt) minn total ta' 18-il tixrida bħal din, kienu jinsabu fl-UE.

Ix-xejra hija l-istess għal tixrid iżgħar ta' żejt ta' inqas minn 7 tunnellati. Fl-2019, total ta' 7 939 tixrida possibbli ta' dan it-tip ġew identifikati permezz tal-monitoraġġ bis-satellita fl-ilmijiet tal-UE, bi 42% ikkonfermati bħala rimi ta' diversi daqsijiet. Madankollu, minkejja żieda fiż-żona koperta mis-satelliti, l-għadd medju ta' detezzjonijiet għal kull miljun km2 naqas, u dan jikkonferma xejra pożittiva ta' tnaqqis fl-iskariki.

## Skart fil-baħar:

L-iskart fil-baħar jista' jipperikola l-ħut u l-annimali li jgħixu fl-oċeani. Jista' wkoll jagħmel ħsara lill-bastimenti u jikkawża inċidenti fuq il-baħar, u jħalli impatt fuq il-komunitajiet kostali meta jitla' fuq l-art.

Wieħed mill-modi li bih l-iskart jilħaq l-ekosistema tal-baħar huwa permezz ta' kontejners mitlufa fil-baħar, li jistgħu jew jinfetħu – u jiskarikaw il-kontenut tagħhom – jew jibqgħu intatti imma xorta jikkawżaw periklu għal bastimenti oħra. Madankollu, l-istimi jissuġġerixxu li l-perċentwal tal-iskart totali rilaxxat permezz ta' kontejners mitlufa fil-baħar huwa negliġibbli fl-UE, b'medja ta' 268 kontejner mitluf fis-sena (jiġifieri parti minn elf ta' 1% ta' 226 miljun kontejners mimlijin u vojta trasportati mad-dinja kollha bil-baħar bħala medja kull sena).

Mod ieħor kif l-iskart jidħol fl-oċeani huwa permezz tal-iskart iġġenerat abbord il-bastimenti. Meta l-bastimenti jaslu fil-port, iħottu l-iskart li jipproduċu fil-baħar, f'dawk li jissejħu faċilitajiet tal-akkoljenza fil-port.  Fl-2018, paragun bejn l-ammont ta' skart li kien mistenni li jiġi ġġenerat mill-bastimenti u l-iskart li fil-fatt ġie kkonsenjat fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-port għall-iskart fl-UE pprovda stima tal-ammont ta' skart iġġenerat mill-bastimenti li jista' j kun qed jintrema illegalment fil-baħar. Din l-istima kienet tvarja minn madwar 2.5% għall-iskart żejtni, 10% għad-drenaġġ u 7–34% għall-iskart (eskluż l-iskart tal-plastik).

Sabiex tiġi ndirizzata din id-diskrepanza, id-Direttiva li tirregola d-disponibbiltà tal-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Port u l-konsenja tal-iskart f'dawk il-faċilitajiet ġiet riveduta fl-2019, bil-għan li jitnaqqas b'mod sostanzjali r-rimi ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u ta' residwi tal-merkanzija fil-baħar.

## Ninnavigaw lejn is-sostenibbiltà:

Sforz sostanzjali ġie ffukat ukoll fuq iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, b'data li tiżvela li l-biċċa l-kbira tal-bastimenti li jidħlu fl-UE naqqsu l-veloċità tagħhom sa', bejn wieħed u ieħor, 20% meta mqabbla mal-2008, u b'hekk naqsu wkoll l-emissjonijiet. Barra minn hekk, il-fjuwils u s-sorsi tal-enerġija mhux tradizzjonali, bħall-bijofjuwils, il-batteriji, l-idroġenu jew l-ammonijaka qed jitfaċċaw bħala alternattivi possibbli għat-trasport marittimu, bil-potenzjal li s-settur jiġi dekarbonizzat u jwassal għal emissjonijiet żero.

L-użu ta' gass naturali likwifikat (LNG) bħala fjuwil tal-bastimenti jista' jnaqqas b'mod sostanzjali r-rilaxx ta' sustanzi li jniġġsu l-arja bħall-ossidu tal-kubrit (SOx; tnaqqis sa' 90%), materja partikolata (PM; tnaqqis sa' 90%) u ossidi tan-nitroġenu (NOx; tnaqqis sa' 80%) meta mqabbel mal-fjuwils fossili tradizzjonali. Fl-2020, total ta' 59 port fl-UE kellhom installazzjonijiet tal-LNG, li jammontaw għal 71 faċilità.

Il-bastimenti jistgħu jużaw ukoll provvisti tal-enerġija mill-art (OPS), li jipprovdu sors nadif ta' enerġija, fil-portijiet marittimi u tan-navigazzjoni interna, fejn il-kwalità tal-arja hija fqira, jew il-livelli ta' storbju huma għoljin. Fl-UE, 9.60% tal-bastimenti tal-kontejners, 15% tal-bastimenti tal-kruċieri u 10% tal-bastimenti Ro-pax li jidħlu fil-portijiet huma mgħammra b'OPS ta' vultaġġ għoli. 31 port minn 12-il Stat Membru tal-UE diġà implimentaw konnessjoni max-xatt ta' vultaġġ għoli (total ta' 36 faċilità ta' provvista tal-enerġija mill-art għal vapur fl-UE).

Tfassil u tħaddim aħjar tal-bastimenti jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bastimenti. Fl-2018, l-effiċjenza tal-enerġija teknika tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE/taż-Żona Ekonomika Ewropea kienet ġeneralment komparabbli ma' dik tal-flotta dinjija (ħlief għall-

bastimenti żgħar tal-kontejners). Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti mibnija wara l-2015 diġà jikkonformaw mal-istandards tal-effiċjenza tal-enerġija applikabbli matul il-perjodu 2020-2025.

### Xejriet futuri:

Matul id-deċennji li ġejjin, it-trasport marittimu internazzjonali huwa mistenni li jikber. Il-volum tat-trasport għall-kategoriji kollha tal-bastimenti huwa mistenni li jiżdied b'24% sal-2050, u l-kummerċ dinji huwa previst li jikber b'9% bejn l-2030 u l-2050.

Barra minn hekk, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) stmat li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-settur marittimu se jiżdiedu għal madwar 90-130% tal-emissjonijiet tal-2008 sal-2050 għal firxa ta' xenarji ekonomiċi u enerġetiċi plawżibbli fit-tul.

L-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit (SOx) u tal-materja partikulata (MP) mit-trasport marittimu huma projettati li jonqsu b'mod sostanzjali sal-2050. Madankollu, l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu bbażati fuq il-baħar mistennija jiżdiedu, li, flimkien ma' tnaqqis previst fl-emissjonijiet minn sorsi bbażati fuq l-art, ifisser li l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu marittimi (NOx) se jaqbżu l-emissjonijiet ibbażati fuq l-art wara l-2030.

It-tibdil fil-klima se jkollu impatt kbir fuq is-settur tat-trasport marittimu. L-infrastruttura tal-port se jkollha bżonn tadatta għal żidiet mistennija fil-livell tal-baħar minħabba t-tibdil fil-klima u kif it-tidwib tal-kappa tas-silġ dinjija tista' tiftaħ rotot ġodda, inkluż ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Passaġġ tal-Majjistral.

Bi kważi għoxrin fil-mija tal-flotta dinjija totali, l-UE qed tiffaċċja deċennju kruċjali li fih jeħtieġ li tmexxi t-tranżizzjoni lejn settur tat-trasport marittimu aktar ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli. L-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, flimkien ma' dawk tal-Istrateġija għall-Bijodiversità tal-2030, l-Istrateġija dwar il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima proposta, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Pjan ta' Azzjoni Tniġġiż Żero, inevitabbilment se jimxu lejn tnaqqis fil-konsum tal-petroleum kif ukoll lejn tnaqqis fl-iskart li jinġarr barra mill-UE.



European Environment Agency

**Fatti U Ċifri: Ir-Rapport EMTER**
2021 — 7 pp. — 21 x 29.7 cm

**Kif tikkuntattja lill-UE**

**Personalment**
Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Bit-telefown jew bil-posta elettronika**
Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: 00 32 2 299 9696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Kif issib tagħrif dwar l-UE**

**Onlajn**
L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

**Pubblikazzjonijiet tal-ue**
Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

European Maritime Safety Agency
Praça de Europa 4, Cais do Sodré
1249-206 Lisboa
Portugal
Tel.: +351 21 1209 200
Internet: emsa.europa.eu
Enquiries: emsa.europa.eu/contact

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark
Tel.: +45 33 36 71 00
Web: eea.europa.eu
Enquiries: eea.europa.eu/enquiries

